MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Numru 614/2007

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Massoud Issa Scihab Musbah
Ziyad N. Fathali
Mahmud Aid Ali F. Mohamed

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati detenturi ta’ numru tal-passaport 165379, 589950 u 243832 rispettivament, akkuzati talli:

F’ 23 ta’ Lulju 2007 ghall-habta ta’ bejn is- 1.00am u l- 4.00am, waqt li kienu gewwa Bugibba/Qawra kif ukoll waqt li kienu gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, ngurjaw jew heddew lill-PS342 Johan Said, lill-PS 715 Lucian Gatt, lill- PC210 Saviour Lagrasta, lill-PC343

Glenn Carabott, lill-PC 756 J. Xuereb, lill-PC482 K. Muscat u lill-WPC133 A. Attard, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Fl-istess data, hin u lok, attakaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, kif ukoll talli hebbew ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qeghdin jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Fl-istess data, hin u lok, ma obdewx ordnijiet moghtija lilhom skond il-ligi liema ordnijiet gew moghtija mill-istess uficjali tal-Pulizija kif ukoll talli naqsu milli jaghti l-partikolaritajiet taghhom lill-istess ufficjali tal-Pulizija u talli kisru l-paci pubblika bl-ghajjat u glied u talli qalu kliem ta' dagha fahxi u kliem oxxen iehor fil-pubbliku.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta ;

Semghet lill-imputati fl-udjenza tal-lum jirregistraw ammisjoni fl-liema ammisjoni huma ppersistew anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li bihom l-imputati huma akkuzati graw l-ghassa tal-Qawra fejn tnejn mill-imputati kienu hemm arrestati minhabba glieda li fiha kienu involuti xi hin qabel. It-tielet imputat involva ruhu meta mar l-ghassa bill-passaporti ta' shabu.

Illi l-ammisjoni tal-imputati kollha hi wahda volontarja u inkondizjonata u l-Qorti irrizultalha li l-incident kien wiehed zghir u ma kellux konsegwenzi.

Ghaldaqstant u fuq l-ammisjoni tal-imputati rat l-Artikolu 95, 96, 338 (ee) Kap. 9.

Tiddeciedi li tillibera lill-imputati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabilità taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------